MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2013

Citazzjoni Numru. 217/2012

**A B**
**vs**
**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

**Preambolu**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur fl-24 ta' Settembru 2012 li jaqra hekk:-

Illi huwa zzewweg lil Naso sive Nantida Sirirattanathawson fil-Konsulat tat-Tailandja f'Dubai (UAE) fis-sebgha (7) ta' Lulju, tas-sena elfejn u tnejn (2003) liema zwieg gie registrat f'Malta;

Illi huwa ottjena divorzju mill-imsemmija martu f' Muan Chiang Mai (it- Tailandja) fit-tletin (30) ta' Novembru, tas-sena elfejn u hdax (2011);

Illi dan id-divorzju kien ottenut fit-Tailandja skont il-ligijiet tal-pajjiz, inkluz illi dan id-divorzju jigi ffinalizzat fil-prezenza ta' xhieda;

Illi dan id-divorzju kien ottenut fil-prezenza taghhom it-tnejn;

Illi dan id-divorzju huwa rikonoxxut fit- Tailandja;

Illi meta mar sabiex javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku li huwa kien iddivorzjat minn ma’ martu sabiex l-istess divorzju jigi registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta, ir-Registratur irrifjuta li jaghmel dan ghaliex id-divorzju ma kienx pronunzjat minn qorti Tailandiza;

Illi fit- Tailandja divorzju ma jkunx dejjem pronunzjat minn qorti;

Ghaldaqstant talab lil din il-Qorti:

1. Tirrikonoxxi d-divorzju tieghu minn ma’ l-ex mara tieghu Naso sive Nantida Sirirattanathawson miksub f'Muang Chaing Mai fit-Tailandja bhala wiehed validu ghall-effetti kollha tal-ligi;

2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fi zmien ragjonevoli jirregistra l-istess divorzju fir-Registru Pubbliku ta' Malta.

Rat il-lista ta’ dokumenti u l-lista tax-xhieda tal-attur.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku pprezentata fil-5 ta’ Novembru 2012 li taqra hekk:-

1. Illi l-esponent joggezzjona ghar-registrazzjoni ta' l-imsemmi divorzju stante li l-istess ma jissodisfax ir-rekwiziti ta' l-Artikolu 33 tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta li jistipula b'mod car li biex ikun rikonoxxut hawn Malta, id-divorzju ghandu jinghata minn Qorti kompetenti tal-pajjiz li

fih xi wahda mill-partijiet fil-procedimenti kienet f'dak il-perijodu tal-proceduri gudizzjarji domiciljata jew cittadina.

2. Illi f'dan il-kas, jirrizulta li d-divorzju li A B gie biex jirregistra fir- Registru Pubbliku, ma nharrigx minn Qorti kompetenti izda billi kien hemm il-kunsens taz-zewg partijiet liema divorzju gie ffinalizat fl-ufficcju tar-registrazzjoni.

3. Illi finalment minghajr hsara ghall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti m'hijiex attribwibbli ghal xi ghemil da parti tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal- kawza istanti.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubblikuipprezentata fis-26 ta’ April 2013.

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-attur ipprezentata fit-23 ta’ Mejju 2013.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkonsidrat;

**Konsiderazzjonijiet ta’ Dritt u ta’ Fatt**.

Artikolu 33 tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi illi:

***33.*** *Deċiżjoni ta’ qorti barranija dwar l-istat ta’ persuna miżżewġa jew li tolqot dak l-istat għandha tkun rikonoxxuta għall-finijiet kollha ta’ liġi f’Malta jekk id-deċiżjoni tingħata minn qorti kompetenti tal-pajjiż li fih xi waħda mill-partijiet fil-proċedimenti tkun domiċiljata jew li tiegħu xi waħda minn dawk il-partijiet tkun ċittadin*.

Jirrizulta bhala fatt mhux kontestat illi l-attur u martu Tajlandiza kienu ddecidew illi jiddivorzjaw. Jirrizulta wkoll illi skond il-Ligi Tajlandiza divorzju jista' jigi ottenut jew billi wiehed jadixxi l-Qorti Taljandiza jew inkella l-koppja mizzewga tista' tiffinalizza d-divorzju taghha quddiem zewg xhieda minghajr il-htiega ta' proceduri gudizzjarji. L-attur segwa t-tieni procedura li tikkonsisti fi procedura purament amministrativa minghajr l-intervent tal-organu gudizzjarju.

Hemm kuntrast bejn il-partijiet jekk id-divorzju tal-attur minn ma' martu hux rizultat ta' decizzjoni minn qorti kompetenti. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu l-attur isostni l-ufficjali Tajlandizi ghandhom funzjoni bhal tal-Qorti u ghalhekk jikkwalifikaw bhala tribunal. Kif tajjeb osserva d-Direttur tar-Registru Pubbliku fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu, kienet ghazla volontarja tal-attur u martu li jsegwu l-procedura amministrativa u mhux dik gudizzjarja. Fl-affidavit tieghu[1] l-attur jikkonferma li l-procedura li hu u martu segwew kienet dikjarazzjoni maghmula minnhom it-tnejn quddiem zewg xhieda u registrata mal-awtoritajiet tal-pajjiz. Ma jaghtiex spjegazzjoni jekk qabel ma segwa dik il-procedura kienx ghamel verifiki minn qabel biex jara jekk tali divorzju jkunx rikonoxxut mill-awtoritajiet Maltin specjalment wara li iz-zwieg tieghu fl-esteru kien gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta.

Il-Qorti taqbel mas-sottomissjonijiet tad-Direttur illi l-ligi f'dan ir-rigward hija cara u ma taghti lok ghall-ebda interpretazzjoni ohra hlief li sabiex l-awtoritajiet Maltin jirrikonoxxu divorzju moghti fl-esteru jehtieg li dan jinghata minn Qorti kompetenti tal-pajjiz fejn xi hadd mill-partijiet huwa domiciljat jew cittadin. Kieku l-Legislatur ried jaghmel xi eccezzjoni ghar-regola kien jipprovdi dwarha b'mod car. Il-Qorti hija prekluza milli tikkrea eccezzjonijiet li ma jirrizultawx fil-ligi: Ubi Lex Voluit, Dixit.

[1] Fol. 57

*"Illi huwa principju baziku li l-ebda kliem fil-ligi ma ghandu jigi skartat, u dan billi ghandu jigi prezunt li l-kliem uzat fil-ligi jirrifletti l-intenzjoni tal-legislatur;*

*Illi dan isegwi l-principju bazilari fid-dritt Ruman "Ubi lex voluti dixit, ubi noluit tacuit"* (PA. **Av. Adrian Delia noe vs European Insurance Group Limited** : 04.02.2013)

*"Issa li kieku l-legislatur ried jipprovdi xort' ohra dan seta' jaghmlu liberament imma ma ghamlux – u allura ghandu kwindi japplika u jregi l-principju li ubi lex voluit dixit."* (Kost. **AIC Joseph Barbara et vs Onor. Prim' Ministru :** 17.10.2007) (Ara wkoll: App. **Frank Fenech vs Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud** : 28.09.2012; App. **Jean Pierre sive Jean Borg vs Nicole Borg** : 30.11.2012;

Ikkonsidrat;

Hija flokha r-referenza tad-Direttur ghas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-26 ta' Novembru 1998 fil-kaz bl-ismijiet "**Andrea Stellato vs Sandra Falzon**" fejn divorzju moghti mill-Qorti f'Melbourne l-Awstralja gie rikonoxxut mill-Qorti Maltija proprju peress li d-divorzju kien pronunzjat minn "qorti kompetenti".

Aktar esplicitu huwa d-digriet li ghalih ghamel referenza d-Direttur moghti mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili ir-rikors fl-ismijiet **Ismail Hazzouri u Anna Borg vs ir-Registratur taz-Zwieg**. F'dawk il-proceduri ir-rikorrenti riedu jizzewgu hawn Malta wara li r-ragel, li kien jorigina minn pajjiz Izlamiku, kien iddivorzja mill-mara tieghu Musulmana mhux permezz ta' process gudizzjarju izda permezz tal-procedura rikonoxxuta f'hafna pajjizi Izlamici imsejha "talaq"; fejn ir-ragel jghid lill-martu il-kelma "talaq" tlett darbiet quddiem xhieda. Is-Sekond' Awla ma kinitx accettat dik il-procedura bhala valida ghall-finijiet tal-ligi Maltija proprju peress li ma kienx process gudizzjarju quddiem qorti kompetenti: "*Iz-zwieg precedenti msemmi tar-rikorrent Hazzouri ma giex dikjarat xolt b'decizzjoni ta' Qorti kif deskritta fl-artikolu 21 hawn fuq citat. Ghalhekk*

*skond il-ligi Maltija Hazzouri ghadu marbut b'dak iz-zwieg b'mod li r-rikorrenti Borg mhix kapaci li tizzewgu f'Malta, in vista ta' l-artikolu 6 ta' l-Att dwar iz-Zwieg imsemmi.*"[2]

Hija ghalhekk il-fehma ta' din il-Qorti illi id-Direttur konvenut kien korrett meta irrifjuta li jirregistra id-divorzju ottenut mill-attur fil-forma fuq spjegata.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tiddisponi mit-talbiet attrici u mill-eccezzjonijiet tal-konvenut billi tilqa' l-ewwel, it-tieni u t-tielet eccezzjoni tal-konvenut, tiddikjara illi d-divorzju mertu tal-kawza odjerna m'ghandux jigi rikonoxxut hawn Malta peress li ma jissodisfax ir-rekwiziti tal-Artikolu 33 tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta; u konsegwentement tichad it-talbiet attrici kollha.

Bl-ispejjez kontra l-istess attur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------

[2] Digriet numru 837/90 datat 13 ta' Awissu 1990